

31998R2135

9.10.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 274/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2135/98**ta' l-24 ta' Settembru 1998**

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u d-Direttiva 88/599/KEE dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85

IL-KUNSILL TA'L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(1)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Waqt li jaġixxi b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189ċ tat-Trattat ⁽³⁾,

(1) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq ⁽⁴⁾ jstabbilixxi disposizzjonijiet rigward il-konstruzzjoni, l-installazzjoni, l-użu u l-ittestjar ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni tat-trasport fuq it-toroq;

(2) Billi l-esperjenza wriet li l-pressjonijiet ekonomiċi u l-kompetizzjoni tat-trasport fuq it-toroq wasslu lil xi sewwieqa impjegati ma' kumpaniji tat-trasport fuq it-toroq biex jiksru ċerti regoli, b'mod partikolari dawk rigward il-perjodi tas-sewqan u l-mistrieħ stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali dwar it-trasport fuq it-toroq ⁽⁵⁾;

(3) Billi l-ksur sfaċċat u l-frodi jikkawżaw periklu għas-sigurtà fuq it-toroq u huma inaċċettabbli għal raġunijiet ta' kompetizzjoni għal sewwieqa individwali li jirrispettaw ir-regoli;

⁽¹⁾ ĠU Ċ 243, 31.8.1994, p. 8 u ĠU Ċ 370, 31.12.1958, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 110, 21.4.199, p. 19.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Lulju 1995 (ĠU Ċ 249, 25.9.1995, p. 28), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1997 (ĠU Ċ 43, 9.2.1998, p. 6) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 1998 (ĠU Ċ 138, 4.5.1998, p. 26).

⁽⁴⁾ ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1056/97 (ĠU L 154, 12.6.1997, p. 21).

⁽⁵⁾ ĠU L 370, 31.12.1985, p. 1.

(4) Billi s-sigurtà fuq it-toroq tista' tiġi mtejba bir-reġistrazzjoni awtomatika u s-sorvelljanza regolari, kemm mill-impriża kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dettalji tal-prestazzjoni u l-imġieba tas-sewwieq kif ukoll tal-vjaġġ tal-vettura, bħalma huma l-veloċità u d-distanza misjuqa;

(5) Billi r-regolamenti soċjali Komunitarji jinkludu ċerti rekwiżiti dwar limiti fis-sewqan ta' kuljum u l-ħin tal-mistrieħ kif ukoll dwar it-total tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, sa ġimgħatejn; billi huwa diffiċli li wieħed jis-sorvellja l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti minħabba li d-data tiġi rreġistrata fuq bosta folji dokumentarji kull jum, li minnhom il-folji dokumentarji għall-ġimgħa kurrenti u l-aħħar jum tal-ġimgħa preċedenti għandhom jinżammu fil-kabina;

(6) Billi, sabiex jintemmu l-aktar abbużi komuni fis-sistema preżenti, huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jintroduċi apparat ġdid avvanzat bħalma hu apparat ta' reġistrazzjoni armat bi strument elettroniku li fih tista' tintrefa' l-informazzjoni rilevanti u l-karta personali tas-sewwieq, biex b'hekk wieħed jassigura li d-data rreġistrata tkun tista' dejjem tinstab, tkun tiftehem meta tiġi stampata, u tkun affidabbli, u li dawn jipprovdu dokumentazzjoni indiskutibbli dwar ix-xogħol li jkun sar kemm mis-sewwieq matul l-aħħar ġranet kif ukoll mill-vetturi matul medda ta' bosta xhur;

(7) Billi s-sigurtà totali tas-sistema u tal-komponenti tagħha hija essenzjali biex l-apparat ta' reġistrazzjoni jaħdem b'mod effiċjenti;

(8) Billi jridu jiġu stabbiliti disposizzjonijiet biex jiggwidaw il-kondizzjonijiet li taħthom il-karti tal-memorja pprovduti mill-Anness IB jistgħu jinħarġu u jintużaw;

(9) Billi d-data dwar l-attivitajiet tas-sewwieq jeħtieġ li tkun verifikabbli mis-sewwieqa nfushom, mill-kumpaniji li jimpjegawhom u mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri; billi, madankollu, hija biss id-data rilevanti għall-attivitajiet rispettivi tagħhom li għandha tkun aċċessibbli għas-sewwieq u l-kumpanija tiegħu;

- (10) Billi l-apparat ta' reġistrazzjoni li dwaru jipprovdni dan ir-Regolament għandu jiġi nstallat fuq il-vetturi li jinħarġu għas-servizz l-ewwel darba wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li xi wħud minnhom huma definiti mill-Kummissjoni b'mod konformi mal-proċedura tal-kumitat imsemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85; billi huwa meħtieġ perjodu transitorju biex jippermetti li l-apparat tar-reġistrazzjoni jiġi maħdum skond dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u biex il-komponenti tagħhom jingħataw mill-KE l-approvazzjoni rigward it-tip;
- (11) Billi hija ħaġa ta' min jixtieqha li l-apparat ta' reġistrazzjoni li jkun jikkonforma ma' l-Anness IB għandu joffri wkoll l-possibbiltà ta' espansjoni bi nfiq baxx tal-funzjonijiet tiegħu biex tiġi kkontrollata flotta;
- (12) Billi, b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni Komunitarja hija meħtieġa biex jiġi emendat ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 sabiex jiġi assigurat li l-apparat tar-reġistrazzjoni li jikkonforma ma' l-Anness IB ikun kompatibbli mal-karti tas-sewwieq u li d-data li toħroġ mil-apparat ta' reġistrazzjoni li tkun konformi ma' l-Annessi I u IB tkun konsistenti;
- (13) Billi l-progress tekniku jeħtieġ li jiġu adottati immedjatement ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament; billi, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, għandha ssir disposizzjoni biex jiġu approvati mill-Kummissjoni l-addattazzjonijiet tekniċi ta' dawk l-Annessi, waqt li din taġixxi b'mod konformi mal-proċedura tal-Kumitat kif spjegata fid-deċizzjoni tal-Kunsill 87/373/KEE tat-13 ta' Lulju 1987 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni ⁽¹⁾;
- (14) Billi l-introduzzjoni ta' apparat ġdid ta' reġistrazzjoni tfisser li ċerti disposizzjonijiet tad-Direttiva 88/559/KEE ⁽²⁾ rigward l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 jeħtieġu li jiġu emendati,
2. L-Artikoli 4.5.6.7.8 u 11 għandhom jiġu emendati biż-żieda tal-kliem "jew karta tal-memorja" fejn issir referenza għal "folja dokumentarja" jew "folji dokumentarji";
3. fl-Artikolu 4 dan is-subparagrafu li ġej għandu jiġi infilzat qabel l-ewwel subparagrafu:
- "Għall-iskopijiet ta' dan il-kapitolu, il-kliem 'apparat ta' reġistrazzjoni' għandu jfisser 'apparat ta' reġistrazzjoni u l-komponenti tiegħu.'";
4. fl-Artikolu 5, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
- "Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent lil kwalunkwe xorta ta' apparat ta' reġistrazzjoni, lil kwalunkwe mudell ta' folja dokumentarja jew karta tal-memorja li tkun tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I jew IB ta' dan ir-Regolament, sakemm l-Istat Membru jkun f'pożizzjoni li jikkontrolla li l-mudelli tal-produttjoni jikkonformaw mat-tip approvat.
- Is-sigurtà tas-sistema trid tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness IB. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, għandha tassigura li l-Anness imsemmi jistabbilixxi li l-apparat ta' reġistrazzjoni jista' ma jingħatax l-approvazzjoni tal-komponent tat-tip KE sakemm is-sistema kollha (l-apparat ta' reġistrazzjoni nnifsu, il-karta tas-sewwieq u l-konnessjonijiet elettriċi tal-gearbox) ma tagħtix prova tal-kapaċità tagħha li tirreżisti tentattivi biex isiru tbaġħbis jew alterazzjonijiet fid-data dwar il-ħinijiet tas-sewqan. It-testijiet meħtieġa biex jiġi stabbilit dan għandhom isiru minn esperti li jkunu midħla ma' modi ta' teknika aġġornati ta' tbaġħbis.";
5. fl-Artikolu 12:
- (a) dan li ġej għandu jidied mal-paragrafu 1:
- "Il-perjodu tal-validità amministrattiva tal-karti li jinħarġu lill-azjendi tax-xogħol u lill-fitters m'għandux jiskorri s-sena.
- Jekk karta maħruġa lil azjenda jew fitter approvati tkun sejra tiġi estiża, jkollha l-ħsara, ma tkunx taħdem sew, tkun mitlufa jew misruqa, l-awtorità għandha tissupplixxi karta ta' rimpjazzament fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi talba dettaljata f'dan is-sens.
- Meta tinħareġ karta ġdida biex tissostitwixxi waħda qadima, il-karta l-ġdida għandha jkollha l-istess numru informattiv ta' l-azjenda tax-xogħol, iżda l-indiċi għandu jidied b'wieħed. L-awtorità li toħroġ il-karta għandha iżomm reġistru tal-karti mitlufa, misruqa jew difettużi.
- L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw li l-karti mqassma lil fitters u l-azjendi tax-xogħol approvati jiġu falsifikati.";

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1 il-kliem "u ta" l-Annessi I u II tagħhom' għandu jiġi sostitwit bil-kliem "u ta" l-Annessi I jew IB u II tagħhom";

⁽¹⁾ ĠU L 197, 18.7.1987. p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 325, 29.11.1988. p. 55.

(b) il-paragrafu 2 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"2. il-fitter jew l-azjendi tax-xogħol approvati għandhom ipoġġu marka speċjali fuq is-siġilli li jwadhlu u, barraminnekk, għandhom iniżżlu fil-każ ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni b'konformità ma' l-Anness IB, id-data elettronika ta' sigurtà biex iwettqu, b'mod partikolari, il-verifiki ta' l-awtentikazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom iżommu regjistru tal-marki u tad-data elettronika tas-sigurtà użati u tal-karti ta' l-azjenda tax-xogħol u l-fitters approvati maħruġa.";

(c) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista tal-fitters u l-azjendi approvati u l-karti lilhom maħruġa u għandhom jibagħtulha kopji tal-marki u ta' l-informazzjoni meħtieġa rrelata mad-data elettronika dwar is-sigurtà użata.";

(d) fil-paragrafu 4 ir-referenza għall-"L-Anness 1" għandha tiġi sostitwita bir-referenza għall-"L-Annessi 1 u 1B";

(e) fil-paragrafu 5 il-kliem "jew fl-Anness 1B taqsima VI (c)" għandu jiddaħħal wara l-kliem "il-paragrafu 4";

6. L-Artikolu 13 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 13

Is-sid li jimpjega u s-sewwieqa għandhom jassiguraw il-ħidma korretta u l-użu xieraq ta', minn naħa l-waħda, l-apparat tar-reġistrazzjoni u, minn naħa l-oħra, il-karta tas-sewwieq fejn is-sewwieq ikun obligat li jsuq vettura armata bl-apparat tar-reġistrazzjoni b'konformità ma' l-Anness IB.";

7. fl-Artikolu 14:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sid għandu joħroġ għadd suffiċjenti ta' folji dokumentarji lis-sewwieqa tal-vetturi armati bl-apparat ta' reġistrazzjoni b'konformità ma' l-Anness I, waqt li jqis li dawn il-folji huma ta' karattru personali, it-tul tal-perjodu tas-servizz u l-possibbiltà ta' obligazzjoni biex jinbidlu l-folji li jkollhom il-ħsara, jew li jkunu ttieħdu minn uffiċjal awtorizzat ta' l-ispettorat. Is-sid m'għandu joħroġ lis-sewwieqa ebda folji hliief dawk tal-mudell approvat li jkunu tajbin għall-użu fil-apparat installat fil-vettura.

Meta l-vettura tkun mgħammra bl-apparat ta' reġistrazzjoni b'konformità ma' l-Anness IB, is-sid u s-sewwieq għandhom jassiguraw li, waqt li jqisu t-tul tal-perjodu tas-servizz, l-istampar meta mitlub kif imsemmi fl-Anness IB ikun jista' jsir b'mod korrett fil-każ li ssir spezzjoni.";

(b) dawn il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"3. Il-karta tas-sewwieq kif definita fl-Anness IB għandha tinħareġ, fuq talba tas-sewwieq, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn is-sewwieq ikun normalment residenti.

Stat Membru jista' jitlob li sewwieq ikun soġġett għad-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 u normalment residenti fit-territorju tiegħu biex ikollu karta ta' sewwieq.

(a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament 'residenza normali' tfisser il-post fejn persuna normalment tgħix, jiġifieri ta' mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba frabtiet personali jew ta' xogħol, jew, fil-każ ta' persuna mingħajr rabtiet ta' xogħol, minħabba rabtiet personali li jindikaw konnessjonijiet bejn il-persuna u l-post fejn qiegħed jgħix.

Madanakollu, ir-residenza normali ta' persuna li r-rabtiet tax-xogħol tagħha jkunu fpost differenti mir-rabtiet personali u bħala konsegwenza t'hekk tgħix fpostijiet differenti li jkunu f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha titqies bħala li tkun il-post tar-rabtiet personali tagħha, basta din il-persuna tmur lura hemmhekk regolament. L-aħħar kondizzjoni m'għandhiex għalfejn tiġi sodisfatta meta l-persuna tkun tgħix fi Stat Membru sabiex twettaq ordni ta' xogħol għal żmien fiss.

(b) Is-sewwieqa għandhom jagħtu xhieda tal-post tar-residenza normali tagħhom permezz ta' mezzi approprijati, bħalma hi l-karta ta' l-identità jew dokument validu ieħor.

(c) Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun joħroġ il-karta tas-sewwieq ikollu dubji dwar il-validità ta' dikjarazzjoni dwar ir-residenza normali li tkun saret skond il-punt (b), jew għall-iskop ta' ċerti kontrolli speċifiċi, dawn jistgħu jitolbu informazzjoni jew evidenza ulterjuri.

(d) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru awtorizzanti għandhom, sa fejn ikun possibbli, jassiguraw li l-applikant ma jkollux diġà karta valida ta' sewwieq.

4. (a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tippersonalizza l-karta tas-sewwieq skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness IB.

Għal skopijiet amministrattivi, il-karta tas-sewwieq ma tistax tkun valida għal aktar minn ħames snin.

Is-sewwieq jista' jkollu karta valida waħda biss. Is-sewwieq huwa awtorizzat li juża biss il-karta tiegħu personalizzata ta' sewwieq.

Meta tinħareġ karta ġdida biex tissostitwixxi waħda qadima, il-karta l-ġdida għandu jkollha l-istess numru ta' ħruġ tal-karta tas-sewwieq, iżda l-indiċi għandu jiżdid b'wieħed. L-awtorità awtorizzanti għandha żżomm rekord tal-karti tas-sewwieqa maħruġa, misruqa, mitlufa jew difettużi għal perjodu ta' mill-inqas ekwivalenti għall-perjodu tal-validità amministrattiva tagħhom.

Jekk il-karta tas-sewwieq ikollha l-ħsara, ma tkunx taħdem sew, jew tkun mitlufa jew misruqa, l-awtorità għandha tissupplixxi karta ta' rimpjazzament fi żmien ħamest ijiem utli minn meta tirċievi talba dettaljata f'dan is-sens.

Fil-każ ta' talba għal tiġdid ta' karta li d-data ta' l-iskadenza tagħha tkun qiegħda toqrob, l-awtorità għandha ttiprovdi karta ġdida qabel id-data ta' l-iskadenza kemm-il darba dik it-talba tkun intbagħtet lilha fiż-żmien stipulat stabbilit fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(1).

- (b) Il-karti tas-sewwieqa għandhom jinħarġu biss lill-applikanti li jkunu soġġetti għar-Regolament (KEE) Nru 3820/85.
- (c) Il-karta tas-sewwieq għandha tkun personali. Din ma tistax, matul il-perjodu tal-validità tagħha tiġi rtirata jew sospiża għal ebda raġuni ħlief meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tinduna li l-karta ġiet falsifikata, jew is-sewwieq ikun qiegħed juża karta li tagħha huwa mhuwiex id-dententur, jew li l-karta li jkollu tkun inkisbet bis-saħħa ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew dokumenti falsifikati. Jekk dawn il-miżuri ta' sospensjoni jew ta' rtirar jittieħdu minn Stat Membru li m'huwiex l-Istat Membru konċernat, dan ta' l-ewwel għandu jirritorna l-karta lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li jkun ħariġha u dan għandu jindika r-raġunijiet għal-fejn qiegħed jirritornaha.
- (d) Il-karti tas-sewwieqa maħruġa minn Stati Membri għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament.

Meta d-detentur ta' liċenzja valida ta' sewwieq maħruġa minn Stat Membru jkun stabbilixxa l-post normali ta' residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor, dan jista' jitlob li l-karta tiegħu tiġi mibdula ma' karta ta' sewwieq ekwivalenti; għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru li jagħmel il-bidla li jivverifika jekk ikun meħtieġ jekk il-karta li ġiet ippreżentata tkunx attwalment għadha valida.

L-Istati Membri li jkunu qed jagħmlu dan il-bdil għandhom jirritornaw il-karta l-qadima lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li jkun ħariġha u jindikaw ir-raġunijiet għaliex qegħdin jagħmlu dan.

- (e) Meta Stat Membru jissostitwixxi jew ibiddel karta tas-sewwieq, is-sostituzzjoni jew il-bidla, u kwalunkwe sostituzzjoni jew bidla sussegwenti, għandha tiġi rreġistrata f'dak l-Istat Membru.

- (f) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jevitaw kull possibbiltà li l-karti tas-sewwieqa jiġu falsifikati.

5. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-data meħtieġa biex tiġi sorvelljata l-konformità mar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ta' l-10 ta' Frar dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fil-Komunità (*) li tkun reġistrata u maħżuna minn apparat ta' reġistrazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness IB ta' dan ir-Regolament tkun disponibbli għal ta' l-anqas 365 jum wara d-data tar-reġistrazzjoni tagħha u li tista' tkun disponibbli taħt kondizzjonijiet li jiggarrantixxu s-sigurtà u r-reqqa tad-data.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jassiguraw li l-bejgħ mill-ġdid jew id-dekommissjonar ta' apparat ta' reġistrazzjoni ma jkunx jista' jnaqqas, b'mod partikolari, l-applikazzjoni sodisfaċenti ta' dan il-paragrafu.

(*) ĠU Ċ 57, 2.3.1992, p. 27."

8. fil-Artikolu 15:

- (a) il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu emendati biż-żieda tal-kliem "jew il-karta tas-sewwieq" fejn issir referenza għal "folja dokumentarja" jew "folji dokumentarji";

- (b) fil-paragrafu 1:

- is-subparagrafu li ġej għandu jiġi nfilzat wara l-ewwel subparagrafu:

"Meta sewwieq ikun jixtieq iġedded il-karta tas-sewwieq tiegħu, dan għandu japplika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn huwa jkollu r-residenza normali tiegħu sa mhux aktar tard minn 15-il ġurnata tax-xogħol qabel id-data ta' l-iskadenza ta' dik il-karta.";

- dan ir-raba' paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"Jekk il-karta tas-sewwieq ikollha l-ħsara, ma tkunx taħdem sew, jew tkun intilfet jew insterqet, is-sewwieq għandu japplika fi żmien sebat ijiem kalendarji għas-sostituzzjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikollu r-residenza normali tiegħu";

- (ċ) wara l-Artikolu 5 għandu jiġi nfilzat dan il-paragrafu li ġej:

“5a. Is-sewwieq għandu jdaħħal fl-apparat ta' reġistrazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness IB is-simboli tal-pajjiżi li fihom jibda u jtemm il-perjodu tax-xogħol tiegħu ta' kuljum. Madanakollu, Stat Membru jista' jesiġi li s-sewwieqa ta' vetturi involuti f'operazzjonijiet ta' trasport fit-territorju tiegħu jżidu dettalji ġeografiċi ulterjuri mas-sinbolu tal-pajjiż bil-kondizzjoni li l-Istat Membru jkun innotifikahom lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' April 1998 u ma jkunux aktar minn 20 fil-għadd.

L-iskrizzjonijiet tad-data hawn fuq imsemmija għandhom jiġu attivati mis-sewwieq, u jistgħu jkunu kompletament manwali jew awtomatiċi jekk l-apparat ta' reġistrazzjoni jkun konness ma' sistema ta' insewiment bisatellita.”;

- (d) fil-bidu ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 il-kelma “apparat” għandha tiġi sostitwita b’“apparat ta' reġistrazzjoni kif definit fl-Anness I”;

- (e) il-paragrafu 7 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“7. Meta s-sewwieq isuq vettura armata b'apparat ta' reġistrazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness 1, dan għandu jkun kapaċi juri, kull meta uffiċjal ta' l-ispettorat hekk jitlob:

- il-folji dokumentarji għall-ġimgħa kurrenti u, f'kull każ, il-folja għall-aħħar jum li fih ikun saq matul il-ġimgħa preċedenti,
- il-karta tas-sewwieq, jekk dan ikollu, u
- il-kopji stampati mill-apparat ta' reġistrazzjoni kif spjegat fl-Anness IB rigward il-perjodi ta' żmien indikati fil-paragrafu 3, it-tieni inċiż, (a), (b), (ċ), u (d) jekk ikun saq vettura armata b'dan l-apparat ta' reġistrazzjoni matul il-perjodu msemmi fl-ewwel inċiż ta' dan il-paragrafu.

Meta s-sewwieq isuq vettura armata b'apparat ta' reġistrazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness 1B, dan għandu jkun kapaċi juri, meta uffiċjal ta' l-ispettorat hekk jitlob:

- il-karta tas-sewwieq li tagħha jkun id-detentur,
- il-folji dokumentarji li jikkorrispondu ma' l-istess perjodu ta' dak imsemmi fl-ewwel inċiż tas-subparagrafu preċedenti li matulu jkun saq il-vettura armata bil-apparat ta' reġistrazzjoni b'konformità ma' l-Anness I.

Uffiċjal awtorizzat ta' l-ispettorat jista' jivverifika l-konformità mar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 permezz ta' analiżi tal-folji dokumentarji, tad-data espota jew stampata li tkun ġiet reġistrata mill-apparat ta' reġistrazzjoni jew mill-karta tas-sewwieq jew, jekk dan ma jkunx il-każ, permezz ta' analiżi ta' kwalunkwe dokument ieħor sostantiv li jiġġustifika n-nuqqas ta' konformità ma' xi disposizzjoni, bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 16(2) u (3).”;

- (f) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

“8. Għandu jkun ipprobit li wieħed jiffalsifika, jaħbi jew jeqred data rrikordjata fuq il-folja dokumentarja, li tkun maħżuna fl-apparat ta' reġistrazzjoni jew fuq il-karta tas-sewwieq, jew fuq il-folji stampati li joħorġu mit-tagħmir ta' reġistrazzjoni kif definit fl-Anness IB. L-istess japplika għal kwalunkwe manifestazzjoni ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni, tal-folji dokumentarji jew tal-karta tas-sewwieq li tista' twassal biex id-data u/jew l-informazzjoni stampata tiġi ffalsifikata, moħbija jew meqruda. Ebda strument li jista' jintuża għal dan l-iskop m'għandu jinstab fil-vettura.”;

9. fl-Artikolu 16:

- (a) il-paragrafu 2 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“2. Waqt li l-apparat ta' reġistrazzjoni jkun bil-ħsara jew ma jkunx qiegħed jaħdem sew, is-sewwieqa għandhom jimmarkaw fuq il-folja jew folji dokumentarji jew fuq folja temporanja li għandha tiġi mwaħħla mal-folja dokumentarja jew mal-karta tas-sewwieq, li fiha għandu jdaħħal id-data li tagħmilha possibbli li huwa jiġi identifikat (in-numru tal-karta tas-sewwieq u/jew l-isem u/jew in-numru tal-liċenzja tas-sewqan), inkluża l-firma tiegħu, l-informazzjoni kollha għad-diversi perjodi ta' żmien li ma jkunux għadhom irreġistrati jew stampati b'mod korrett mill-apparat ta' reġistrazzjoni.

Jekk karta tas-sewwieq isirilha l-ħsara, ma tkunx taħdem sew jew tintilef jew tinteraq, is-sewwieq għandu, fit-tmiem tal-vjaġġ tiegħu, jistampa l-informazzjoni li tirrigwarda l-perjodi taż-żmien reġistrati mill-apparat ta' reġistrazzjoni u jimmarka fuq id-dokument id-dettalji li jagħmluha possibbli għalih li jiġi identifikat (in-numru tal-karta tas-sewwieq u/jew l-isem u/jew in-numru tal-liċenzja tas-sewqan), inkluża l-firma tiegħu.”;

- (b) dan il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

“3. Jekk karta tas-sewwieq ikollha l-ħsara jew ma tkunx taħdem sew, is-sewwieq għandu japplika fi żmien sebat ijiem kalendarji għas-sostituzzjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih ikollu r-residenza normali tiegħu; Is-serq ta' karta tas-sewwieq għandha tkun is-suġġett ta' dikjarazzjoni formali lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn tkun seħħet is-serqa.

It-telf tal-karta tas-sewwieq għandu jiġi rappurtat b'dikjarazzjoni formali lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li jkun harigħa u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tar-residenza normali meta dawn ikunu differenti.

Is-sewwieq jista' jkompli jsuq mingħajr karta tas-sewqan għal perjodu massimu ta' 15-il jum kalendarju jew għal perjodu itwal jekk dan ikun meħtieġ biex il-vettura tirritorna lejn l-istazzjon, kemm-il darba huwa jkun kapaċi jgħib prova li tkun ħaġa impossibbli għalih li jipproduċi jew juża l-karta matul dan il-perjodu.

Meta l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li fih is-sewwieq ikollu r-residenza nomali tiegħu jkunu differenti minn dawk li jkunu ħarġulu l-karta u meta dawn ta' l-aħħar ikunu ntalbu li jġeddu, jissostitwixxu jew ibiddu l-karta tas-sewwieq, dawn għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet li jkunu ħarġu l-karta l-qadima dwar ir-raġunijiet preċiżi tat-tiġdid, is-sostituzzjoni jew il-bdil tagħha.”;

10. L-Artikolu 17 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 17

1. L-emendi meħtieġa biex jiġu adattati l-Annessi għall-progress teknoloġiku għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirrigwardaw it-taqsimiet li ġejjin ta' l-Anness IB għandhom jiġu adottati malajr kemm jista' jkun u jekk ikun possibli qabel l-1 ta' Lulju 1998 bl-istess proċedura.

(a) Il-Kapitolu II

– (d) 17:

il-wiri u l-istampar ta' difetti fil-apparat ta' reġistrazzjoni,

– (d) 18:

– il-wiri u l-istampar ta' difetti fil-karti tas-sewwieq,

– (d) 21:

il-wiri u l-istampar ta' rapporti sommarji;

(b) Il-Kapitolu (III);

– (a) 6,3:

l-istandards għall-protezzjoni ta' l-elettronika tal-vettura kontra l-interferenza elettrika u l-oqsma manjetiċi.

– (a) 6.5:

il-protezzjoni (sigurtà) tas-sistema kollha,

– (a) 1:

is-sinjali ta' twissija li jindikaw difetti fl-iffunzjonar intern ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni,

– (a) 5:

il-format tat-twissijiet,

– (f):

it-tolleranzi massimi

(ċ) il-Kapitolu IV,A.:

– 4:

standards

– 5:

is-sigurtà, inkluża l-protezzjoni tad-data,

– 6:

il-limiti tat-temperatura,

– 8:

il-karatteristiċi elettriċi,

– 9:

l-istruttura loġika tal-karta tas-sewwieq,

– 10:

funzjonijiet u l-istruzzjonijiet

– 11:

il-fajls elementari;

u l-Kapitolu IV, B;

(d) il-Kapitolu V:

il-folji stampati mill-printer u dawk standard.”;

11. L-Artikolu 18 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 18

1. Meta ssir referenza għall-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat għandu jaġi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien stipulat li l-president jista' jstabbilixxi skond l-urġenza tal-kwestjoni. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza stabbilita mill-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun mitlub li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-kumitat għandhom ikunu aġġustati skond il-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri previsti jekk dawn ikunu konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) jekk il-miżuri previsti ma jkunux konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tkun ingħatat, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, ma' l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.”;

12. L-Anness IB, kif jinsab fl-Anness tar-Regolament preżenti, qiegħed bil-preżenti jiġi miżjud.

L-Artikolu 2

1. (a) Fi żmien 24 xahar mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-att li għandu jiġi adottat skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, kif emendat minn dan ir-Regolament, il-vetturi li jidħlu fis-servizz għall-ewwel darba għandhom jiġu armati b'apparat ta' reġistrazzjoni skond ir-rekwiżiti ta' l-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85.

(b) Sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (a), il-vetturi li jintużaw għall-ġarr tal-persuni li jkun fihom aktar minn tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq u li jkollhom piż massimu li jiskorri

l-10 tunellati, kif ukoll vetturi użati għall-ġarr ta' l-oġġetti li jkollhom piż massimu li jiskorri t-12-il tunellata, irreġistrati l-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 1996, għandhom, kemm-il darba t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni lill-apparat ta' reġistrazzjoni li bih ikunu mgħammra tkun esklussivament elettrika, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 meta l-apparat in kwestjoni jiġi ssostitwit.

2. L-Istati membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li huma jkunu kapaċi joħroġu l-karti tas-sewwieq sa mhux aktar tard minn 21 xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att imsemmi fil-paragrafu 1(a).

3. Fil-każ li 12-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att imsemmi fil-paragrafu 1, l-approvazzjoni tat-tip KE ma tkunx ingħatat fir-rigward ta' artikolu ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta lill-Kunsill għal estensjoni taż-żmien stipulat kif stabbilit fil-paragrafi 1 u 2.

4. Is-sewwieq li, qabel id-data stabbilita fil-paragrafu 2, isuqu vetturi armati b'apparat ta' reġistrazzjoni li jkun jikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-Anness IB tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 li għalih l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux kapaċi joħroġu karta tas-sewwieq għandhom fit-tmiem tal-perjodu tax-xogħol tagħhom ta' kuljum jistampaw l-informazzjoni fir-rigward tad-diversi perjodi ta' żmien irreġistrati mill-apparat ta' reġistrazzjoni u għandhom jindikaw id-dettalji ta' l-identifikazzjoni fuq id-dokument stampat (l-isem u n-numru tal-liċenzja tas-sewqan), u jiffirmawh.

L-Artikolu 3

Id-Direttiva 88/5/KEE qiegħda bil-preżenti tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3(2) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“2. L-elementi tal-verifika li ssir mat-triq huma:

– il-perjodi ta' kuljum ta' sewqan, il-waqfiet u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum; fil-każ ta' indikazzjonijiet ċari ta' irregolaritajiet, anke l-folji dokumentarji tal-jiem preċedenti li għandhom jinżammu fil-vettura skond l-Artikolu 15(7) tar-Regolament (KEE) Nru 3851/85 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2135/98 (*) u/jew id-data maħżuna għall-istess perjodu fuq il-karta tas-sewwieq u/jew il-memorja ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness IB.

– għar-rigward tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 15(7) tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, fil-każijiet kollha meta l-veloċità awtorizzata tal-vettura tkun inqabżet, li għandhom jiġu ddefiniti bħala l-perjodi kollha ta' aktar minn minuta li matulhom il-veloċità tal-vettura tkun qabżet id-90 km/s għall-kategorija tal-vetturi N3 jew 105km/s għall-kategoriji M3 (filwaqt li l-kategoriji N3 u M3 jkunu kif iddefiniti fl-Anness I tad-Direttiva 70/155/KEE (**).

- Meta jkun xieraq, il-veloċitajiet momentanji milħuqa mill-vettura kif reġistrati mill-apparat ta' reġistrazzjoni matul mhux aktar mill-24 siegħa ta' l-użu preċedenti tal-vettura,
- l-aħħar perjodu ta' mistrieħ settimanali, meta jkun approprjat,
- l-iffunzjonar korrett ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni (id-determinazzjoni ta' l-abbuż possibbli ta' l-apparat u/jew il-karta tas-sewwieq u/jew il-folji dokumentarji) jew, meta jkun approprjat, il-preżenza tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85.

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 213598 ta' l-24 ta' Settembru li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3821/85 dwar it-tagħmir ta' reġistrazzjoni tat-trasport fuq it-roq u d-Direttiva 88 599/KEE rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821.85 (ĠU L 274, 9.10.1998, p. 1).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156 KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati

Membri rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 97/27/KE (ĠU L 233, 25.8.1997, p. 1)."

2. L-Artikolu 4(3) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-verifiki li jsiru fil-post ta' l-awtoritajiet kompetenti, bis-saħħa tad-dokumenti relevanti u/jew id-data li tkun ingħatat mill-impriżi fuq talba ta' l-istess awtoritajiet, għandu jkollha l-istess status bħall-verifiki li jsiru fil-post ta' l-impriżi."

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Il-President

J. FARNLEITNER

ANNEX

"L-ANNEX 1(B)

IR-REKWIŻITI GĦALL-KOSTRUZZJONI, L-ITTESTJAR, L-ISTALLAZZJONI U L-ISPEZZJONI

I. DEFINIZZJONIJIET

F'dan l-Anness

(a) **'apparat ta' reġistrazzjoni' ifisser:**

il-apparat kollu intenzjonat biex jiġi nstallat fil-vetturi tat-toroq biex jindika, jirreġistra u jaħżen awtomatikament jew semi-awtomatikament dettalji tal-movimenti ta' dawn il-vetturi u ta' ċerti perjodi ta' xogħol tas-sewwieqa tagħhom. Dan l-apparat jinkludi cables, sensors, u apparat elettroniku ta' informazzjoni dwar is-sewwieq, wieħed (żewġ) werrej(ja) tal-karti biex tiġi nstallata fihom karta waħda jew tnejn tal-memorja tas-sewqan, printer separat jew integrat, strumenti indikattivi, faċilitajiet biex titniżżel il-memorja tad-data, faċilitajiet biex jindikaw u jistampaw l-informazzjoni meta din tintalab u faċilitajiet biex jiddaħħlu l-postijiet fejn jibda u fejn jintemm il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum.

(b) **'il-memorja tad-data' tfisser:**

sistema ta' ħażna elektronika mibnija fl-apparat ta' reġistrazzjoni, li kapaċi taħżen ta' mill-anqas 365 ġranet kalendarji permezz ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni. Il-memorja għandha tkun protetta b'tali mod li ma twaqqaf kull aċċess mhux awtorizzat għad-data u l-manipulazzjoni tagħha u li taqbad kwalunkwe tentattiv ta' din ix-xorta.

(c) **'il-karta tas-sewwieq (bil-memorja) tfisser:**

strument li jkun jista' jitneħħa għat-trasferiment u għall-ħażna ta' l-informazzjoni li jiġi allokat mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lil kull sewwieq individwali għall-skopijiet ta' identifikazzjoni tas-sewwieq u l-ħażna tad-data essenzjali. Il-format u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-karta tas-sewwieq (bil-memorja) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' dan l-Anness;

(d) **'il-kostanti ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni' ifisser:**

il-karatteristika numerika li tagħti l-valur tas-sinjali imdaħħal li huwa meħtieġ biex jindika u jirreġistra d-distanza vjaġġata fuq medda ta' kilometru; dan il-kostanti għandu jkun espress jew permezz ta' dawrien kull kilometru ($k = \dots d/km$) jew bħala impulsi għal kull kilokmetru ($k = \dots imp/km$);

(e) **'il-koeffiċjent karattersitiku tal-vettura' ifisser:**

il-karatteristika numerika li tagħti l-valur ta' l-impuls maħruġ mill-parti tal-vettura li tikkonnettjaha ma' l-apparat ta' reġistrazzjoni (gearbox output shaft jew fus) filwaqt li l-vettura tkun tivvjaġġa distanza ta' kilometru taħt kondizzjonijiet normali tal-verifika (ara l-Kapitolu VII(e)). il-koeffiċjent karattersitiku jiġi espress jew permezz ta' dawrien għal kull kilometru ($w = \dots d/km$) jew permezz ta' impulsi għal kull kilokmetru ($w = \dots imp/km$);

(f) **'iċ-ċirkomferenza effettiva tat-tajers tar-roti' tfisser:**

il-medja tad-distanzi vvjaġġati minn kull waħda mir-roti li jmexxu l-vettura (ir-roti tas-sewqan) matul dawra sħiħa. Il-kejl ta' dawn id-distanzi għandu jsir skond kondizzjonijiet normali ta' verifika (ara l-Kapitolu VII (e) u jiġi espress fil-forma ' $l = \dots mm$ '; meta il-kejl approprjat ta' dawn id-distanzi jkun jista' jiġi bbażat fuq kalkolu teoretiku li jqis id-distribuzzjoni tal-piż massimu awtorizzat fuq il-fusien.

(g) **'il-karta ta' l-istazzjon tal-verifika' tfisser:**

strument ta' trasferiment u ħażna tad-data għall-użu fl-apparat li jaqra l-karta ġo l-apparat ta' reġistrazzjoni, maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lill-korpi awtorizzati tagħhom. Il-karta ta' l-istazzjon ta' l-ittestjar tidentifika l-istruttura tal-vettura u tippermetti l-verifika, il-kalibrazzjoni u l-ippogrammar ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni;

(h) **'il-karta tal-kontroll' tfisser:**

strument tat-trasferiment u l-ħażna tad-data għall-użu fl-apparat li jaqra l-karta ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni, maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lill-awtoritajiet kompetenti biex jagħti aċċess għad-data maħżuna fil-memorja tad-data jew tal-karti tas-sewwieq biex dawn jinqraw, jiġu stampati u jitniżżlu fil-werrej.

(i) **'il-karta tad-data tal-kumpanija' tfisser:**

strument li jista' jitneħħa għat-trasferiment u l-ħażna tad-data maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lis-sid ta' vettura, u li jkun mgħammar b'apparat ta' reġistrazzjoni.

Il-karta tad-data tal-kumpanija tippermetti l-wiri, it-tniżżil u l-istampar tad-data maħżuna (l-artikolu ta') fl-apparat ta' reġistrazzjoni armat fil-vettura(i) tal-kumpanija;

(j) **'ġurnata kalendarja' tfisser:**

ġurnata li ddum mis-siegħa 00.00 sas-siegħa 24.00. Il-ġranet kalendarji kollha huma dawk tal-HUK (ħin universali koordinat);

(k) **'tniżżil' ifisser:**

kopja ta' parti jew ta' sett sħiħ ta' data maħżuna fil-memorja tad-data tal-vettura jew fil-memorja tal-karta tas-sewwieq.

It-tniżżil ma jistax ibiddel jew iħassar xi parti mid-data maħżuna.

Id-data li titniżżel tkun protetta b'tali mod li tirrendi t-tentattivi ta' manipulazzjoni ta' data investigabbli; l-orijini tad-data mniżżla għandu jkun awtentikabbli.

Id-data mniżżla tiġi merfugħa f'format li jista' jintuża minn kull persuna awtorizzata;

(l) **'l-identifikazzjoni tal-vettura' tfisser:**

in-numru(i) li jidentifikaw il-vettura fuq il-bażi tal-VIN u/jew il-VRN tagħha.

II. IL-KARATTERISITIĊI U L-FUNZJONIJIET ĠENERALI TA' L-APPARAT TA' REĠISTRAZZJONI

L-apparat għandu jkun kapaċi jirreġistra, jaħżen, juri u jistampa dawn li ġejjin:

(a) **jirreġistra u jaħżen fil-memorja tad-data**

1. id-distanza vvjaġġata mill-vettura b'reqqa ta' kilometru wieħed;
2. il-veloċità tal-vettura;
- 2.1. il-veloċità momentarja tal-vettura bi frekwenza ta' sekonda għall-aħħar 24 siegħa ta' użu tal-vettura.
- 2.2. il-qbiż tal-veloċità awtorizzata tal-vettura, spjegat bħala perjodu ta' aktar minn minuta 1 li matulha l-veloċità tal-vettura tiskorri d-90 km/s għal vetturi N₃ jew 105 km/s għal vetturi M₃ (bil-ħin, id-data, il-veloċità massima tal-veloċità eċċessiva, il-veloċità medja matul il-perjodu konċernat.
3. il-perjodi tal-ħinijiet tas-sewqan (ħinijiet u dati), b'reqqa ta' minuta waħda;
4. il-perjodi l-oħra tal-ħinijiet tas-sewqan (il-ħinijiet u d-dati), b'reqqa ta' minuta waħda;
5. il-waqfiet mix-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum (il-ħinijiet u d-dati), b'reqqa ta' minuta waħda;
6. fil-każ ta' apparat elettroniku ta' reġistrazzjoni li jkun apparat operat permezz ta' sinjali trasmessi elettrika mill-bogħod u minn sensor tal-veloċità, kwalunkwe interruzzjoni li taqbeż il-100 millisekondi fil-provvista ta' l-elettriku ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni (minbarra fid-dawl), fil-provvista ta' l-elettriku ta' sensor tad-distanza u tal-veloċità u kwalunkwe interruzzjoni fil-konduttur lejn is-sensor tad-distanza u l-veloċità, bid-data, il-ħin u d-dewmien kif ukoll in-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq;

7. in-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq mal-ħinijiet u d-dati ta' l-inserzjoni u t-tneħħija;
8. għal kull karta tas-sewwieq li tiġi inserita għall-ewwel darba wara li tkun ġiet użata fl-artikolu ieħor ta' apparat ta' reġistrazzjoni:
 - il-ħin tas-sewqan kurrenti mill-aħħar waqfa jew ħin tal-mistrieħ,
 - il-ħin tas-sewqan għall-ġurnata wara l-aħħar perjodu ta' mistrieħ ta' mill-anqas tmien sigħat,
 - il-ħinijiet tas-sewqan tal-ġurnata bejn iż-żewġ perjodi tal-mistrieħ ta' mill-anqas tmien sigħat għal 27 ġurnata kalendarja bid-data, il-ħin u d-dewmien,
 - -it-total tal-ħinijiet tas-sewqan għall-ġimgħa kurrenti u l-ġimgħa preċedenti u t-total tal-ħinijiet tas-sewqan taż-żewġ ġimgħat sħaħ preċedenti,
 - il-perjodi ta' mistrieħ ta' mill-anqas tmien sigħat għal dik il-ġurnata u għas-27 ġurnata kalendarja preċedenti, f'kull każ bid-data, bil-ħin u d-dewmien,
 - il-VRN tal-vetturi misjuqa;
9. id-data, il-ħin u d-dewmien tas-sewqan mingħajr l-inserzjoni tal-karta tas-sewwieq jew mingħajr ma din tkun taħdem kif imiss;
10. id-data reġistrata fil-postijiet li fihom il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum ikun inbeda u ntemm;
11. id-difetti identifikabbli awtomatikament tas-sistema ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni bid-data, il-ħin u n-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq;
12. id-difetti fil-karta tas-sewwieq bid-data u l-ħin u n-numru tal-karta tas-sewwieq;
13. il-karta tal-ħanut tax-xogħol u l-fitter awtorizzat jew il-ħanut tax-xogħol bid-data ta' mill-anqas ta' l-aħħar installazzjoni, spezzjoni u jew spezzjoni perjodika skond il-Kapitolu VII(ċ) u (d);
14. in-numru tal-karta tal-kontroll bid-data ta' l-inserzjoni tal-karta tal-kontroll u t-tip ta' kontroll (il-wiri, l-istampar u t-tniżżil) Fil-każ tat-tniżżil tad-data, il-perjodu tat-tniżżil għandu jiġi reġistrat;
15. l-aġġustament tal-ħin bid-data, il-ħin u n-numru tal-ħruġ tal-karta,
16. l-istatus tas-sewqan (sewwieq wieħed/għadd ta' sewwieqa – sewwieq/sewwieq sekondarju);

(b) il-ħażna fil-karta tas-sewwieq

1. id-data essenzjali għall-perjodi elenkati taħti il-punt (a)(3), (4) u (5) għal perjodu ta' mill-anqas ta' 28 ġurnata kalendarja kombinata mal-veifika tal-'VRN' tal-vettura misjuqa u d-data skond il-punt (a)(10), (14) u (16);
2. l-okkorrenzi u d-difetti skond il-punt (a)(6), (11) u (15) bl-identifikazzjoni 'VRN' tal-vettura misjuqa;
 - 2.1. id-data u l-ħin ta' l-inserzjoni u t-tneħħija tal-karta tas-sewwieq u d-distanza misjuqa matul il-perjodu korrispondenti;
 - 2.2. id-data u l-ħin ta' l-inserzjoni u t-tneħħija tas-sewwieq sekondarju bin-numru tal-ħruġ;
3. id-data għandha tiġi reġistrata u maħżuna fil-karta tas-sewwieq b'tali mod li tevita kull possibbiltà ta' falsifikazzjoni;

(ċ) ir-reġistrazzjoni u l-ħażna fil-każ ta' żewġ sewwieqa

fil-każ ta' vettura li tintuża minn żewġ sewwieqa l-ħin tas-sewqan elenkat taħt il-punt (a)(3) għandu jiġi reġistrat u maħżun fuq il-karta tas-sewwieq li jkun qiegħed isuq il-vettura. L-apparat għandu jirreġistra u jaħżen fil-memorja tad-data u fuq il-karti taż-żewġ sewwieqa simultanjamant iżda b'mod distint, id-dettalji ta' l-informazzjoni elenkati taħt il-punt (a)(4) u (5);

(d) **il-wiri u l-istampar fuq talba ta' utent awtorizzat**

1. in-numru tal-ħruġ tal-karta, id-data ta' l-iskadenza tal-karta;
2. il-kunjom u l-isem tas-sewwieq li jkun id-detentur tal-karta;
3. il-ħin tas-sewqan kurrenti mill-aħħar waqfa jew perjodu ta' mistrieħ,
4. il-ħin tas-sewqan matul il-ġurnata wara l-aħħar perjodu ta' mistrieħ ta' mill-anqas tmien siegħat,
5. il-ħinijiet tas-sewqan ta' matul il-ġurnata bejn żewġ perjodi tal-mistrieħ ta' mill-anqas tmien siegħat għas-27 ġranet kalendarji preċedenti li fihom is-sewwieq saq, bid-data, il-ħin u d-dewmien;
6. it-total tal-ħinijiet tas-sewqan matul il-ġimgħa kurrenti u l-ġimgħa preċedenti u t-total tal-ħinijiet tas-sewqan taż-żewġ ġimgħat sħaħ preċedenti,
7. il-perjodi l-oħra tax-xogħol u d-disponibbiltà
8. il-perjodi ta' mistrieħ li huma ta' mill-anqas ta' tmien siegħat matul il-ġurnata u matul is-27 ġurnata kalendarja preċedenti, f'kull każ bid-data, il-ħin u d-dewmien,
9. l-identifikazzjoni 'VRN' tal-vetturi misjuqa ta' l-anqas matul l-aħħar 28 ġurnata kalendarja bid-distanza misjuqa għal kull vettura kull jum, il-ħin ta' l-ewwel inserzjoni u l-aħħar tneħħija tal-karta tas-sewwieq u l-ħin tal-bidla tal-vettura;
10. l-aġġustament tal-ħin bid-data, il-ħin u n-numru tal-ħruġ tal-karta,
11. l-interruzzjoni tal-provvista ta' elettriku fl-apparat ta' reġistrazzjoni bid-data, il-ħin u d-dewmien u n-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq (kif spjegat fil-punt (a)(6));
12. l-interruzzjoni tas-sensor bid-data, il-ħin u d-dewmien u n-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq (kif spjegat fil-punt (a)(6));
13. l-identifikazzjoni 'VIN' u/jew 'VRN' tal-vettura misjuqa;
14. is-sewqan mingħajr karta tas-sewwieq fil-punt (a)(9) matul l-aħħar 28 ġurnata kalendarja;
15. id-dettalji dwar l-informazzjoni maħżuna dwar is-sewwieq (kif spjegat fil-punt (ċ));
16. id-data reġistrata fil-postijiet li fihom il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum ikun inbeda u ntemm;
17. id-difetti awtomatikament identifikabbli tas-sistema ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni bid-data, il-ħin u n-numru tal-ħruġ tal-karta tas-sewwieq;
18. id-difetti fil-karta tas-sewwieq bid-data u l-ħin u n-numru tal-karta tas-sewwieq;
19. in-numru tal-karta tal-kontroll bid-data ta' l-inserzjoni tal-karta tal-kontroll u t-tip ta' kontroll (il-wiri, l-istampar u t-tniżżil) Fil-każ tat-tniżżil tad-data, il-perjodu tat-tniżżil għandu jiġi reġistrat;
20. l-eċċess tal-veloċità awtorizzata kif definit fil-punt (a)(2.2), bid-data, il-ħin u n-numru tal-ħruġ tal-karta għall-ġimgħa kurrenti u fi kwalunkwe każ billi tiġi inkluża l-aħħar ġurnata tal-ġimgħa preċedenti;
21. rapporti sommarji li bihom il-konformità mar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 u d-Direttiva 88/599/KEE jistgħu jiġu vverifikati.

III. IR-REKWIŻITI DWAR IL-BINI U TAL-FUNZJONAMENT TA' L-APPARAT TA' REĠISTRAZZJONI

(a) **Punti ġenerali**

- 1.1. Kwalunkwe inklużjoni jew konnessjoni ma' l-apparat ta' reġistrazzjoni ta' strument jew strumenti, approvati jew m'humix, ma jistgħux ifixklu, jew ikunu kapaċi jfixklu l-operat kif imiss ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni. L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jiġi mressaq għall-approvazzjoni flimkien ma' kull strument simili konness miegħu.

1.2. L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jkun kapaċi jaħdem sewwa fil-kondizzjonijiet klimatiċi kollha li normalment jeżistu fit-territorju tal-Komunità.

2. *Materjali*

2.1. Il-partijiet kostitwenti l-oħra ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni għandhom ikunu magħmula minn materjali ta' stabbiltà u saħħa mekkanika suffiċjenti u b'karatteristiċi elettriċi u manjetiċi stabbli.

2.2. Kwalunkwe modifika f'parti kostitwenti ta' l-apparat jew fin-natura tal-materjali użati fil-manifattura tiegħu għandha, qabel tintuża, tiġi mressqa għall-approvazzjoni ta' l-awtorità li tat l-approvazzjoni rigward it-tip lill-apparat ta' reġistrazzjoni.

3. *Il-kejl tad-distanza misjuqa*

Id-distanza misjuqa tista' titkejjel u tiġi reġistrata jew:

- sabiex tkun tinkludi kemm il-movimenti bil-quddiem kif ukoll il-movimenti b'lura, jew
- sabiex tinkludi biss il-moviment bil-quddiem.

Kwalunkwe reġistrazzjoni ta' movimenti b'lura m'għandha bl-ebda mod taffettwa ċ-ċarezza u r-reqqa tar-reġistrazzjonijiet l-oħrajn.

4. *Il-kejl tal-veloċità*

4.1. Il-medda fil-kejl tal-veloċità għandha tkun kif indikat fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.

4.2. Il-frekwenza naturali u r-reżistenza ta' l-apparat tal-kejl għandhom ikunu tali li l-istrumenti li jindikaw u jirreġistraw il-veloċità jistgħu, fil-medda tal-varjazzjoni fil-miżuri, isegwu l-bidliet fl-aċċelerazzjoni sa 22 m/s^2 , fil-limiti tat-tolleranzi aċċettati.

5. *Il-kejl tal-ħin (l-arloġġ)*

Il-ħin huwa diġitali. L-aġġornament għandu jsir (jekk ikun meħtieġ) fil-ħanut tax-xogħol awtorizzat. Il-ħin ta' l-arloġġ intern huwa HUK. Is-sewwieq jista' jbidel il-kumpens tal-ħin indikat fl-iskrin tal-werrej.

5.1. Il-kejl tal-ħin jiġi effettwat awtomatikament fl-apparat ta' reġistrazzjoni.

5.2. Il-ħin ta' l-arloġġ tal-memorja jista' jerġa' jiġi ssettjat meta karta ta' ħanut tax-xogħol li jkun awtorizzat tiġi inserita.

6. *Id-dawl u l-protezzjoni*

6.1. L-istrumenti viżivi ta' l-apparat għandhom ikunu pprovduti b'dawl xieraq li ma jgħammix

6.2. Għal kondizzjonijiet normali ta' l-użu, il-partijiet interni kollha ta' l-apparat għandhom ikunu protetti kontra l-umdità u t-trab. Barraminnekk, għandhom ikunu tali li ma jistgħux jiġu mbagħbsa permezz ta' kaxxa li tkun tista' tiġi ssiġillata.

6.3. Il-protezzjoni kontra l-interferenza elettrika u l-oqsma manjetiċi għandha tiġi pprovduta b'tali mod li tkun tik-konforma ma' l-istandards elettroniċi tal-vettura.

6.4. Il-cables li jikkonnettjaw l-apparat ta' reġistrazzjoni mat-trasmittitur għandhom ikunu protetti minn sorveljanza elektronika bħall *encryption* tas-sinjali, li jkun kapaċi jaqbad il-preżenza f'dik il-parti tas-sistema kull strument, li ma jkunx b'xi mod meħtieġ għall-operat korrett ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni, li jkun kapaċi jimpendixxi l-operat preċiż ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni permezz ta' ċirkwit qasir, interruzzjoni jew modifika tad-data elektronika mill-veloċità u s-sensor tad-distanza, jew permezz tad-duplikazzjoni ta' strumenti oħra approvati, meta dak l-istrument ikun konness u jibda jaħdem.

- 6.5. Is-sistema totali, inklużi l-konnessjonijiet mas-sensor tal-veloċità u d-distanza għandhom ikunu tali li ma jistgħux jiġu mbagħbsa.
- 6.6. L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jkun kapaċi jaqbad id-difetti tiegħu stess.

(b) L-istrumenti viżivi

L-indikazzjonijiet għandhom ikunu viżibbli minn barra l-apparat elettroniku u b'tali mod li jinqraw b'mod ċar, sempliċi u mingħajr ebda ambigwiżà anke meta jkun hemm żewġ sewwieqa.

L-istrument werrej għandu jagħmilha possibbli li l-informazzjoni msemmija fil-Kapitolu II(d) tintwera malli tintalab. It-talba tista' ssir jew b'mod selettiv jew b'mod sekwenzjali.

(ċ) Is-sinjali ta' twissija

1. Twissija lis-sewwieq ta' mill-anqas 30 sekonda jekk il-vettura tkun qiegħda tinstaq:
 - mingħajr il-karta tas-sewwieq f'potha.
 - b'karta li qed taħdem ħażin.
 - bil-karta tas-sewwieq fix-xaqq il-ħażin.
 - meta l-apparat ta' reġistrazzjoni jinduna b'każ jew b'każijiet ta' difetti interni, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-Kapitolu II(d)(17) u (18),
 - 'il fuq mil-limitu tal-veloċità kif spjegat fil-Kapitolu II(a)(2.2).
2. Twissija lis-sewwieq qabel dan jiskorri l-erba' siegħat u nofs ta' sewqan għal kull perjodu ta' ħin ta' sewqan u disa' siegħat ta' sewqan kuljum, 15-il minuta qabel u fil-waqt li jkun qed jaqbeż il-limitu.
3. Twissija lis-sewwieq, 15-il minuta qabel u fil-waqt li jkun qiegħed jonqos milli jikkonforma mat-tmien siegħat meħtieġa kuljum għall-perjodu tal-mistrieħ fl-aħħar 24 siegħa.
4. Twissijiet addizzjonali jistgħu jiġu nstallati fuq talba tas-sid tal-vettura.
5. *il-format tat-twissijiet,*

It-twissijiet jistgħu jkunu jew jinSTEMGħu jew jidhru, jew taħlita tat-tnejn u għandhom jintgħarfu b'mod ċar mill-utent.

(d) Il-memorja

1. Il-perjodi msemmija fil-Kapitolu 11(a)(3), (4) u (5) għandhom jiġu merfugħa kull meta jkun hemm bidla fl-attivitajiet jew fl-istatus.
2. Il-perjodu tas-sewqan għandu jkun dejjem merfugħ awtomatikament meta l-vettura tkun qiegħda tinstaq.
3. Il-perjodi l-oħra taż-żmien kif indikat fl-Artikolu 15(3), it-tieni inċiż (b), (c) u (d) tar-Regolament għandhom dejjem jintrefgħu separatament permezz ta' l-operat, fejn ikun meħtieġ, ta' strument selettur ta' l-attività.

(e) L-immarkar

1. Dawn id-dettalji li ġejjin għandhom jidhru fuq l-iskrin ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni:
 - ħdejn iċ-ċifra li tindika d-distanza, l-unità tal-kejl tad-distanza, indikata b'mod abbrevjat bħala 'km',
 - ħdejn iċ-ċifra li tindika l-veloċità, tiddaħħal 'km/h'

2. Il-plakka deskrittiva għandha tkun tidher fuq l-apparat ta' reġistrazzjoni u għandha turi dawn id-dettalji:
- l-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' l-apparat,
 - in-numru tal-manifattur u s-sena li fiha l-apparat ikun ġie manifatturat,
 - il-marka ta' l-approvazzjoni għat-tip ta' apparat ta' reġistrazzjoni,
 - il-kostanti ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni fil-forma ta' 'k = ... rev/km' jew 'k = ...imp/km');
 - jekk wieħed ikun irid, il-varjazzjoni ta' kejl tal-veloċità, fil-forma indikata fin-numru 1.
- L-informazzjoni tista' wkoll tingħata meta tintalab mill-apparat ta' reġistrazzjoni.

(f) **It-tolleranzi massimi (fuq l-iskrin u l-istrumenti ta' reġistrazzjoni)**

1. It-tolleranzi massimi jkunu relatati mad-distanza misjuqa, il-veloċità u ż-żmien li jiġu mkejla fuq id-dynamo-meter qabel l-installazzjoni u, skond iċ-ċirkostanzi msemmija fil-Kapitolu VII, waqt l-installazzjoni, waqt l-ispezzjoni perjodika u waqt l-użu.
2. It-tolleranzi massimi stabbiliti f1 huma validi għal temperaturi estremi li jikkorrispondu mal-kondizzjonijiet klimatiċi li wieħed jiltaqa' magħhom fit-territorju Komunitarju.

IV. IL-KARTI BIL-MEMORJA

A. IL-KARTA TAS-SEWWIEQ (BIL-MEMORJA)

1. **L-inserzjoni/tneħħija**

L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jiġi ddisinjat b'tali mod li l-karta tas-sewwieq (bil-memorja) tinqabad fil-pożizzjoni tagħha malli tiġi inserita sewwa fil-qarrej tal-karta u li d-data rilevanti fuq il-karta tas-sewwieq tiġi awtomatikament merfugħa fil-memorja tad-data ta' l-apparat li jirreġistra. Ir-rilaxx tal-karta tas-sewwieq jista' jiffunzjona biss meta l-vettura tkun wieqfa u wara li d-data rilevanti tkun ġiet maħżuna fuq il-karta tas-sewwieq.

2. **Il-kapaċità li l-karta tas-sewwieq taħżen il-memorja**

Il-kapaċità tal-karta tas-sewwieq għandha tkun suffiċjenti biex taħżen fiha ta' mill-anqas 28 ġranet kalendarji kif imsemmi fl-Artikolu II (ċ) għas-sewwieq attwali. Jekk il-karta tad-data timtela d-data l-ġdida għandha tis-sostitwixxi l-qadima.

3. **Id-data viżibbli**

Il-paġna 1 għandu jkun fiha:

- (a) il-kliem 'Karta tas-sewwieq' stampati b'tipi kbar bil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ il-karta.

'Il-karta tas-sewwieq' fil-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Komunità, stampati biex jiffurramaw l-isfond tal-liċenzja:

es: TARJETA DEL CONDUCTOR

dk: FØRERKORT

de: FAHRERKARTE

el: KAPTA OAHFOY

en: DRIVER CARD

fr: CARTE DE CONDUCTEUR

ga: CÁRTA TIOMÁNAÍ

it:	CARTA DEL CONDUCENTE
nl:	BESTUURDESKAART
pt:	CARTÃO DE CONDUTOR
fi:	KULJETTAJAKORTTI
sv:	FÖRARKORT;

- (b) l-isem ta' l-Istat Membru li ħareġ il-karta (mhux obligatorju);
- (c) is-sinjali distintivi ta' l-Istati Membri li ħarġu l-karta, stampat fin-negattiv frettangolu blu u mdawwar b'ċirku ta' ntax-il stilla; is-sinjali distintivi għandu ikunu kif ġej:

B	Il-Belġju
DK	Id-Danimarka
D	Il-Ġermanja
GR	Il-Greċja
E	Spanja
F	Franza
IRL	L-Irlanda
I	L-Italja
L	Il-Lussemburgu
NL	L-Olanda
A	Il-Portugall
P	Portugal
FIN	Il-Finlandja
S	L-Isvezja
UK	Ir-Renju Unit

- (d) l-informazzjoni li hija speċifika għall-karta maħruġa, numerata kif ġej:
1. il-kunjom tad-detentur;
 2. l-isem/l-ismijiet tad-detentur;
 3. id-data u l-post tat-twelid;
 4. (a) id-data tal-ħruġ tal-karta;
 - (b) id-data ta' l-iskadenza tal-karta;
 - (c) l-isem ta' l-awtorità li ħarġitha (jista' jiġi stampat fuq il-paġna 2);
 - (d) numru differenti minn dak taħt l-intestatura 5, għall-finijiet amministrativi (mhux obligatorju)
 5. (a) in-numru tal-liċenzja tas-sewqan inkluż dak ta' qabel ma tbiddel;
 - (b) in-numru tal-liċenzja tas-sewqan inkluż dak ta' qabel ma tbiddel;
 6. ir-ritratt tad-detentur;
 7. il-firma tad-detentur;
 8. il-post tar-residenza normali, jew l-indirizz postali tad-detentur (mhux obligatorju)

Id-data msemmija f'1,2,3,4(b) u 5 (a) u (b) tiġi wkoll merfugħa fil-memorja tal-karta tas-sewwieq.

Il-paġna 2 għandu jkun fiha:

- (a) spjegazzjoni ta' l-artikoli numerati li jidhru fil-paġni 1 u 2 tal-karta;

- (b) bil-kunsens speċifiku miktub tad-detentur, l-informazzjoni li ma tkunx relatata ma' l-amministrazzjoni tal-karta tas-sewwieq tista' wkoll tiġi miżjuda, liema żieda ma tbiddel bl-ebda mod l-użu tal-mudell bħala karta tas-sewwieq.

MUDELL TAL-KARTA TAS-SEWWIEQ TAL-KOMUNITÀ

Pàġna 1

DRIVER CARD	MEMBER STATE
	1. 2. 3. 4a. 4c. 4b. (4d.) 5a. 5b. 7. (8.)
6.	

Pàġna 2

	1. Surname 2. Name 3. Date and place of birth 4a. Card issuing date 4b. Administrative expiry date of card 4c. Issuing authority (4d.) No for national administrative purposes 5a. Driving licence number 5b. Driver card number 6. Photograph 7. Signature (8.) Address
<i>Please return to:</i> <div style="border: 1px solid black; padding: 2px; display: inline-block; width: 80%;"> NAME OF AUTHORITY AND ADDRESS </div>	

PŘÍKLAD VZORU KARTY ŘIDIČE: BELGICKÁ KARTA
(Għall-informazzjoni)

BESTUURDESKAART	KONINKRIJK BELGIË
	1. Ruyter 2. Georges 3. 01.04.73 Milano 4a. 01.07.98 4c. B-9000 Gent 4b. 30.06.03 5a. DA 003 360 5b. 11 ABC 334455 7.
6. FOTO	

CARTE DE CONDUCTEUR	ROYAUME DE BELGIQUE
	1. Jeanneaux 2. Herald 3. 01.03.74 B-7000 Mons 4a. 01.09.98 4c. B-1180 Uccle 4b. 30.08.03 5a. DB 004 380 5b. 11 ABD 223344 7.
6. PHOTO	

4. Standards

Il-karta tas-sewwieq u l-apparat ta' reġistrazzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawn l-istandards li ġejjin:

- ISO 7810,
- ISO 7816-1,
- ISO 7816-2,
- ISO 7816-3,
- abbozz ISO 7816-4
- abbozz ISO 10373,
- l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali dettaljati kif definiti fis-sistemi tal-karti ta' identifikazzjoni intiżi għall-użu fit-trasport fit-toroq.

5. Is-sigurtà, inkluża l-protezzjoni tad-data

Id-diversi komponenti tal-karta tas-sewwieq huma intiżi biex jeskludu kwalunkwe falsifikazzjoni jew tbaġħbis u biex jaqdbu kull tentattiv ta' dik ix-xorta.

6. **Il-limiti rigward temperatura**

L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jkun kapaċi jaħdem sewwa fil-kondizzjonijiet klimatiċi kollha li normalment wieħed jiltaqa' magħhom fit-territorju Komunitarju.

7. **Kemm iddum isservi**

Il-karta għandha tkun kapaċi li taħdem b'mod korrett għal perjodu ta' ħames snin skond l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali u elettriċi.

8. **il-karatteristiċi elettriċi**

Il-karatteristiċi elettriċi tal-karta għandhom ikunu jikkorrispondu ma' l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għall-elettronika fil-vetturi.

9. **L-istruttura loġika tal-karta tas-sewwieq**

L-istruttura loġika tal-karta għandha tkun definita b'tali mod li tiggarrantixxi l-operat sewwa u l-kompatibbiltà tagħha ma kwalunkwe apparat ta' reġistrazzjoni ieħor konformanti ma' dan l-Anness.

10. **Il-funzjonijiet u l-istruzzjonijiet**

Il-funzjonijiet u l-istruzzjonijiet tal-karta għandhom ikopru l-funzjonijiet kollha msemmija fil-Kapitolu I(ċ) u l-Kapitolu II(b).

11. **Il-fajls elementari**

L-ispeċifikazzjonijiet tal-fajls elementari għandhom ikunu fil-qafas ta' l-istandards msemmija fil-punt 4.

12. **Id-disposizzjonijiet speċjali**

Wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jżidu kuluri u marki, bħalma huma s-simboli nazzjonali u l-karatteristiċi ta' sigurtà, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Anness.

B. IL-KARTA TA' L-ISTAZZJON TAL-VERIFIKA (BIL-MEMORJA), IL-KARTA TAL-KONTROLL (BIL-MEMORJA) U L-KARTA TAD-DATA TAL-KUMPAĊIJA (BIL-MEMORJA)

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-istazzjon tal-verifika, il-karti tal-kontroll u dawk tad-data tal-kumpanija (bil-memorja) għandhom ikunu tali li jkun joperaw b'korrettezza meta jintużaw kif ipprovdut fil-Kapitolu I(g), (h) u (l) u jkun kompatibbli ma' kull apparat ta' reġistrazzjoni li jkun konformi ma' dan l-Anness. L-istruttura tal-karti għandha tkun iddisinjata biex tagħti aċċess biss lill-utent awtorizzat u dan biss għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet li kull karta tkun mistennija li taqdi.

V. IL-PRINTER U L-FOLJI STAMPATI STANDARD

1. Il-*printers* għandhom ikunu ddisinjati biex jistampaw il-folji kif imsemmi fil-Kapitolu II(d) bi grad ta' ċarezza li tkun tista' tevita kull ambigwiżità meta dawn jinqraw. Il-folji stampati għandhom jibqgħu jinqraw b'mod ċar u identifikabbli taħt kondizzjonijiet normali ta' konservazzjoni għall ta' mill-anqas sena.

Dawn għandhom iżommu d-dimensjonijiet tagħhom u dak li jkun fihom reġistrat taħt kondizzjonijiet normali ta' umdiżità u temperatura.

Għandu jkun possibbli wkoll li jiġu miżjuda f'dawn id-dokumenti noti miktuba bl-idejn, bħal ma hi l-firma tas-sewwieq.

2. Il-kapaċità minima tal-folji stampati, ikunu ta' liema forma jkun, għandha tkun biżżejjeċ biex tippermetti l-istampar ta' l-informazzjoni msemmija fil-Kapitolu II(d).

Jekk ikun meħtieġ li bosta folji stampati jitwāhħlu ma' xulxin biex jiżied l-isparju fejn jiġi stampat, il-partijiet li jgħaqqdu d-dokumenti flimkien għandhom ikunu magħmula b'tali mod li ma jkunx hemm qtugħ fil-postijiet magħquda biex ma jfixklux l-interpretazzjoni tad-data.

VI. L-INSTALLAZZJONI TA' L-APPARAT TA' REĠISTRAZZJONI

(a) **L-installazzjoni**

1. L-apparat ta' reġistrazzjoni għandu jiġi protett kontra l-ħsara aċċidentali.
2. Għandu jkun possibli għall-aġenti awtorizzati li jaddattaw il-kostanti ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni mal-koeffiċjent karattersitiku tal-vettura permezz ta' apparat addattat, li għandu jissejjaħ adapter.

Il-vetturi li jkollhom żewġ proporzjonijiet tal-fus għandhom jiġu armati b'apparat li jaħdem b'ħala swiċċ sabiex id-diversi proporzjonijiet jinġiebu awtomatikament allinjati mal-proporzjon li għalih l-apparat ikun addattat għall-vettura permezz ta' l-adapter.

(b) **Il-plakka ta' l-installazzjoni**

Wara li l-apparat ikun ġie verifikat waqt l-installazzjoni, għandha titwāħhal il-plakka ta' l-installazzjoni fejn tkun tista' tidher b'mod ċar, fuq l-apparat, fiġ, jew maġenbu. Wara li kull spezzjoni minn fitter jew ħanut approvat li tkun teħtieġ bidla fil-kalibrazzjoni ta' l-installazzjoni, għandha titwāħhal plakka ġdida minnflok dik ta' qabilha.

Il-plakka għandu jkollha fuqha ta' mill-anqas dawn id-dettalji li ġejjin:

- l-isem. l-indirizz u l-isem tad-ditta tal-fitter jew tal-ħanut tax-xogħol approvat.
- il-koeffiċjent karatteristiku tal-vettura, fil-forma ta' $w = \dots \text{rev/km}$ jew $w = \dots \text{imp/km}$,
- l-ċirkomferenza effettiva tat-tajers tar-roti fil-forma ta' $l = \dots \text{mm}$,
- id-data li fiha l-koeffiċjent karatteristiku tal-vettura jkun ġie kkalkulat u ċ-ċirkomferenza effettiva tat-tajers tar-roti skond kif imkejla,
- l-aħħar tmien ċifri tan-numru tax-xażi tal-vettura.

(c) **L-issiġillat**

1. Dawn il-partijiet li ġejjin għandhom jiġu ssiġillati:
 - (a) kwalunkwe konnessjoni li, jekk tiġi maqtugħa, tista' tikkaġuna tibdiliet mhux osservabbli jew telf ta' data;
 - (b) kwalunkwe għatu li jista' jagħti aċċess għal ċirkwiti u mekkaniżmi, li kull tibdil fihom jista' jaffettwa l-operat effettiv ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni jew li jista' jippermetti tibdil mhux awtorizzat fil-karattersitiċi ta' l-apparat;
 - (c) il-plakka ta' l-installazzjoni, jekk din ma tkunx imwāħhla b'tali mod li ma tkunx tista' tinqala' mingħajr ma jinqerdu l-marki li jkunu fuqha.
2. Fil-każijiet kollha, il-pożizzjoni tas-siġilli għandha tkun ikkwotata fuq iċ-ċertifikat tat-tip approvat u l-effettività tagħhom ittestjata b'ħala parti mill-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip.
3. Is-siġilli msemmija fl(b) jistgħu jitneħħew:
 - f'każ ta' emerġenza,
 - biex jiġi installat jew imsewwi l-apparat li jillimita l-veloċità jew kwalunkwe apparat ieħor li jikkontribwixxi għas-sigurtà fuq it-triq, kemm-il darba l-apparat ta' reġistrazzjoni jkompli jiffunzjona b'mod kredibbli u korrett u jerġa' jiġi ssiġillat minn fitter jew ħanut tax-xogħol approvat (b'mod konformi mal-Kapitolu VII) immedjatament wara li l-apparat tal-limitazzjoni tal-veloċità jew kull apparat ieħor li jikkontribwixxi għas-sigurtà fuq it-triq jew fi żmien sebat ijiem f'każijiet oħra.

Kull darba li dawn is-siġilli jinkisru għandha ssir dikjarazzjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet għal dan u din għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

VII. IL-VERIFIKI U L-ISPEZZJONIJIET

(a) **L-approvazzjoni tal-postijiet fejn isiru t-testijiet (fitters u u ħwienet tax-xogħol)**

L-Istati Membri għandhom jinnominaw il-korpi biex wettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet.

(b) **Iċ-ċertifikazzjoni ta' strumenti ġodda jew imsewwija**

Kull apparat individwali, kemm jekk ġdid kif ukoll jekk imsewwi, għandu jiġi ċertifikat fir-rigward ta' jekk ikunx jaħdem sewwa u jkunx jindika u jirreġistra b'mod eżatt, fil-limiti stabbiliti fil-Kapitolu III(f)(l) permezz ta' l-issiġillar skond il-Kapitolu VI(c)(l) jew l-informazzjoni diġitali ekwivalenti fid-data tal-memorja ta' l-apparat ta' reġistrazzjoni.

(c) **L-ispezzjoni u l-ipprogrammar ta' l-installazzjoni**

1. Meta jkun qiegħed jiġi nstallat fuq il-vettura, l-apparat ta' reġistrazzjoni u l-installazzjoni kollha għandhom jikkonformaw mad-disposizzjonijiet dwar it-tolleranzi massimi stabbiliti fil-Kapitolu III(f)(2).
2. Għandu jsir dan l-ipprogrammar li ġej fuq l-apparat ta' reġistrazzjoni li jirreġistra:
 - id-data tat-test ta' l-installazzjoni,
 - il-ħin universali koordinat (HUK),
 - l-identifikazzjoni 'VIN' u l-VRN' tal-vettura
 - in-numru tal-ħanut tal-fitter approvat jew tal-ħanut tax-xogħol approvat.

(d) **L-ispezzjonijiet perjodiċi.**

1. L-ispezzjonijiet perjodiċi ta' l-apparat armat fil-vetturi għandu jsir wara kull tiswija ta' l-apparat jew wara kull tibdil fil-koeffiċjent karatteristiku tal-vettura jew wara li ċ-ċirkonferenza effettiva tat-tajers jew ta' mill-anqas darba fi żmien sentejn mill-aħħar spezzjoni; dawn jistgħu jsiru flimkien mat-testijiet li jsiru fuq il-vetturi biex jiġi stabbilit jekk humiex tajbin għas-sewqan fuq it-toroq.

Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu ta' mill-anqas dawn il-verifiki li ġejjin:

- li l-apparat ta' reġistrazzjoni jkun jaħdem sewwa, inkluż it-tniżżil ta' data ġo jew mill-karta tal-ħanut tax-xogħol,
 - li l-konformità mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu III(f)(2) dwar it-tolleranzi massimi waqt l-installazzjoni tkun ġiet assicurata.
 - li l-apparat ta' reġistrazzjoni jkollu l-marka fuqu ta' l-approvazzjoni tat-tip.
 - li l-plakka ta' l-installazzjoni tkun imwaħħla,
 - li s-siġilli fuq l-apparat u fuq il-partijiet l-oħra ta' l-installazzjoni jkunu intatti.
 - iċ-ċirkonferenza attwali tat-tajers.
2. Għandu jsir dan l-ipprogrammar li ġej fuq il-apparat ta' reġistrazzjoni:
 - id-data ta' l-ispezzjoni perjodika,
 - il-ħin universali koordinat (HUK),
 - l-identifikazzjoni 'VIN' u l-VRN' tal-vettura
 - in-numru tal-karta tal-ħanut tax-xogħol approvat.
 3. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu t-tibdil tal-plakka ta' l-installazzjoni jew l-informazzjoni diġitali ekwivalenti fid-data tal-memorja ta' l-apparat li jirreġistra.

(e) Il-kejl ta' l-iżbalji

Il-kejl ta' l-iżbalji waqt l-installazzjoni u matul l-użu għandu jsir skond dawn il-kondizzjonijiet, li għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu l-kondizzjonijiet standard ta' l-ittestjar:

- il-vettura mhux mgħobbija, meta tkun f'kondizzjoni normali,
 - il-pessjoni tat-tajers skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant.
 - il-konsum tat-tajers fil-limiti permessi mil-liġi nazzjonali,
 - il-moviment tal-vettura: il-vettura għandha timxi bil-forza tal-magna tagħha flinja dritta fuq art livellata u b'veloċità ta' 50 ± 5 km/s. Id-distanza kkalkulata għandha tkun ta' mill-anqas ta' 1 000 m,
 - kemm-il darba jkun ta' eżattezza komparabbli, jista' jintuża wkoll għat-test dynamometer addattat.”
-